MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 249/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**
**Vs**
**Daniel Lanzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli nhar id-9 t'Awissu, 2005, ghall-habta tal-4.30 a.m. u/jew fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-gzejjer,
1) ikkommetta serq ta' karozza Hyundai Getz, numru tar-registrazzjoni BBK-683 mill-Avis Garage, Misrah il-5 t'Ottubru, Msida w xi affarijiet ohra, liema serq hu aggravat bil-hin, bil-valur li jaqbez l-elf lira w bil-lok ghad-dannu tas-socjeta' London Services Ltd;

2) ikkommetta serq ta’ flus kontanti minn Lourdes V.R.T Station ta’ Triq Bajada, Zabbar, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok ghad-dannu ta’ l-ahwa Buhagiar;
3) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Art. 325(1)(c) tal-Kap. 9) ghad-dannu ta’ l-ahwa Buhagiar;
4) saq vettura BBK-683 minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b’assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;
5) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;
6) kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 (issa Art. 7 tal-Kap. 446) li kien gie mpost fuqu b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta’ Marzu, 2003, liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 t’Awissu, 2005, li biha wara li rat l-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal perjodu ta’ sentejn (2) prigunerija, sospizi b’erba’ (4) snin, taht is-supervizjoni ta’ ufficjal tal-Probation.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 t’Awissu, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih, thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin u poggietu taht is-supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation, u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b’mod li l-piena karcerarja nflitta tkun wahda effettiva, kif ukoll billi titratta mal-appellat ghall-ksur tal-Probation addebitat lilu.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-Qorti irrilevat lill-partijiet li mill-ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti ma indikatx l-artikoli tal-ligi li tahthom sabet htija fl-appellat .**

**Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt fejn il-prosekuzzjoni irrimettiet ruha.**

**Ikkonsidrat ;**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati , meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002] u ohrajn)**

**Illi fil-kaz in ezami, jidher manifest li l-Ewwel Qorti – x'aktarx bi zvista – naqset li ssemmi l-artikoli tal-ligi li tahthom sabet htija fil-konfront tal-appellat u semmiet biss l-Artikolu 28G tal-Kap.9 (Sic!) li jittratta biss l-ordni ta' supervizjoni fil-kuntest ta' sentenza sospiza. Dan certament jirrendi s-sentenza appellata nulla.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"doppio esame", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellat jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet**

**pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------